

## II

(Atti mhux legiſlattivi)

## FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-3 ta' Ġunju 2010

**dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġeorġja dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi**

(2010/706/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-punt (a) tal-Artikolu 77(2), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fis-27 ta' Novembru 2008 l-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mal-Ġeorġja dwar ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġeorġja dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim"). In-negozjati ġew konklużi b'suċċess u l-Ftehim ġie inizjalat fil-25 ta' Novembru 2009.

(2) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis ta'* Schengen li fih ir-Renju Unit mhuwiex qed jieħu sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq biex jieħdu parti f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis ta'* Schengen <sup>(1)</sup>; għalhekk ir-Renju Unit mhuwiex qed jieħu sehem fl-adozzjoni tagħha u mhuwiex marbut biha jew suġġett għall-applikazzjoni tagħha.

(3) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis ta'* Schengen li fih l-Irlanda mhijiex qed

tieħu sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis ta'* Schengen <sup>(2)</sup>; għalhekk l-Irlanda mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni tagħha u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(4) F'konformità mal-Artikolu 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-adozzjoni tagħha.

(5) Il-Ftehim għandu jiġi ffirmat suġġett għall-konklużjoni tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

## Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġeorġja dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim") huwa b'dan approvat fisem l-Unjoni, suġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim <sup>(3)</sup>.

## Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill b'dan huwa awtorizzat li jaħtar il-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim fisem l-Unjoni suġġett għall-konklużjoni tiegħu.

<sup>(1)</sup> ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43.

<sup>(2)</sup> ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20.

<sup>(3)</sup> It-testi tal-Ftehim, tal-Protokoll u tad-Dikjarazzjonijiet se jiġu ppubblikati flimkien mad-Deċiżjoni dwar konklużjoni tal-Ftehim.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-3 ta' Ġunju 2010.

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
A. PÉREZ RUBALCABA

---